MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 18/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Oliver Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva fuq talba tal-Employment & Training Corporation kontra Oliver Azzopardi talli fit-8 ta' Mejju 2006 u qabel din id-data f'Bel Gusto Sweet Shop, Triq San Guzepp, Hamrun, naqas li javza lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig bl-impjieg tieghu ma' Kevin Azzopardi (Bel Gusto Sweet Shop, Hamrun) u kien jirregistra ghax-xoghol;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Jannar 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli [*recte:* regolamenti]

3 u 10 ta’ l-A.L. 110/93, sabet lill-imsemmi Oliver Azzopardi hati ta’ l-imputazzjoni kif dedotta u kkundannatu multa ta’ mija tlieta u sittin euro (€163);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Oliver Azzopardi pprezentat fis-26 ta’ Jannar 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta’ l-imputazzjoni kif migjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi, u f’kaz li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, jitlob li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha fuq il-fatt li meta rapprezentanti ta’ l-ETC kellmu lil huh Kevin Azzopardi, dan qalilhom li l-appellant ikun il-hanut tieghu u gieli jghinu. L-ewwel Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li f’dan il-kaz l-appellant qaghad il-hanut sakemm huh jiehu lill-mara tieghu l-Isptar; kull bniedem f’kaz ta’ bzonn idur fuq membri tal-familja tieghu, kif gara f’dan il-kaz ghall-ghajnuna; (2) is-sentenza kienet wahda eccessiva u sproporzjonata.

Din il-Qorti semghet mill-gdid il-provi fis-seduta tallum u senjatament lir-rapprezentanti tal-ETC kif ukoll lill-appellant u lil huh Kevin Azzopardi, u jkollha tirrimarka illi fil-fehma taghha bix-xiehda li nghatat quddiemha ma jistax jinghad illi gie ppruvat minghajr dubju ragjonevoli illi l-appellant kien effettivament qieghed jimpjega lil huh. Difatti hemm provi li jikkonfortaw il-verzjoni ta’ l-appellant, fosthom l-*appointment card* ta’ l-Isptar li juri li verament mart Kevin Azzopardi kellha appuntament l-Isptar fil-

gurnata in kwistjoni. Barra minn hekk l-appellant cahad li qatt rcieva xi kumpens minghand huh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati ta’ l-imputazzjoni dedotta u tilliberah minn dik l-imputazzjoni u l-piena nflitta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------